*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 62**

**It-Tnejn 28 ta Awwissu 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Kien hemm żewġ ittri t'apoloġija.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**62.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**62.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t'apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard u tal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.

**62.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 60 tal- 20 ta' Lulju 2017:***

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**62.2.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward paġna 5 artiklu 60.3.3 il-one way li saret fi Triq in-Nadur ħadmet tajjeb ħafna u staqsa lill-Kunsilliera jekk jaħsbux li tkun ideja tajba li tibqa hekk anke wara li jitneħħa t-tower crane.

Is-Sindku qal dak huwa l-iskop u ħafna residenti kellmuħ dwarha.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jaqbel li tibqa one way u barra min hekk hu kien diġa talab sabiex isiru double yellow lines fi Triq tal-Gardiel anke fil-liwja fejn hemm ic-childcare centre pero għadhom ma sarux.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq in-Nadur tibqa one way u jitneħħa l-parkeġġ fil-liwja sa fejn hemm ic childcare centre.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u s-Sur Sandro Gatt daħlu għal laqgħa fis-6.12pm.***

**62.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 4 artiklu 60.3.1 kif bqajna rigward l-iskart tal-ħwienet fi Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mal-Kuntrattur tal-Kunsill R&A biex jinġabar l-iskart aktar kmieni. Kompla jgħid illi fil-Lokalita tal-Belt il-ħwienet iħallsu kollettur privat sabiex jinġabrilhom l-iskart tal-ħwienet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bħala Kunsill hemm bżonn li nistaqsu lill-ħwienet tal-ikel jekk għandhomx kollettur privat u min ma għandux għandu jinforma lill-Kunsill. Kompla jgħid illi qed nispiċċaw nitilfu l-ħin bil-ħaddiema tal-ELC fejn joqgħdu jnaddfu u jiġbru l-boroż ta' dawn il-ħwienet għaliex aktar minn nofshom mgħandhomx kollettur privat.

Is-Sindku qal illi ma tgħamilx sens li l-Kunsill jistaqsi lill-istabbilimenti min għandu kolettur privat meta l-Kunsill stess jisupplixxijhom bil-boroz oranġjo. Is-Sindku qal illi meta saret l-attivita tal-Karnival l-R&A isupplixxew lill-Kunsill bins zgħar bojod sabiex ikun hemm iktar reċipjenti u jaħseb li kieku nagħmlu wieħed min dawn il-bins għal kull stabbiliment bl-isem tkun soluzzjoni għal din il-problema.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn issir laqgħa mal-okkupanti tal-ħwienet u ngħidilhom li min ma joħroġx l-iskart fil-ħin ser jiġu mħarka.

Is-Sindku qal illi l-ħwienet li qegħdin fil-bandli draw joħorġu l-borża ħdejn il-gate tal-bandli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-entratura tal-bandli tkun kollha ħmieġ minħabba dan, u apparti minn hekk kull min ikollu ħanut fil-permess għandu mniżżel li jrid ikollu post fejn jarmi l-iskart.

Is-Sindku qal illi hu jaqbel mal-Kunsillier is-Sur Ciantar imma diffiċli issib soluzzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal dawk li għandhom il-permessi l-antiki mhumiex obbligati li jkollhom fejn jarmi l-iskart fuq ġewwa, iżda l-permessi l-ġodda għandhom din l-kundizzjoni.

Is-Sindku qal illi nistgħu nagħmlu bins biex jintrema l-iskart kontaminat għas-sajf li ġej. Dawn ikunu skips modifikati apposta kemm jidħlu kaxxi tal-pizza etc.

Is-Sindku qal illi jekk nagħmlu skips għal ħwienet tax-Xatt ser tinħoloq epidemija għax kulħadd jibda jarmi hemm speċjalment il-mara tad-dar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn ċerti ħwienet illi qed jarmu l-iskart kollu fil-borża l-oranġjo meta dik suppost tintuża għal-iskart organiku. Kompla jgħid illi hemm bżonn nitkellmu magħhom u nfehmuhom illi jekk l-iskart mhux ser jiġi amministratt sew ser ibati kulħadd u nġibuhom konxji li l-Kunsill mhuwiex kuntent bil-mod li qed jiġi amministrat l-iskart.

Is-Sindku qal li nistgħu nissuġerixxu u nagħmlu skips zgħar u kompla jgħid illi hawn ħienet fejn anke jisseparaw l-iskart għalhekk mgħandniex nitfgħu l-kulħadd f'keffa waħda.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-ewwel għandha issir laqgħa ma tal-ħwienet u niddiskutu magħhom il-problemi li qed nsemmu hawnhekk u naraw jekk anke huma joħorġux b'xi ideja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Gvern Ċentrali għandux xi pjanijiet għal-iskart.

Is-Sindku qal illi ser issir laqgħa tas-Sindki fit-30 ta' Settembru li hu ser ikun wieħed mill-panell u jkun jista jiddiskuti dwar dan is-suġġett.

Is-Sindku qal illi l-għar post li għandna fil-preżent huwa fejn hemm l-istabbilimenti Waterline, Ta ninu, steakhouse eċċ. Hawn jeħtieġ infurzar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Fanal restaurant għandu kollettur privat.

Kien hemm qbil unanimu illi jistennew u jaraw x'ser jiġi diskuss fil-laqgħa plenarja u jerġgħu jiddiskutu wara.

**62.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 60.3.5 jekk kienx hemm xi risposta mingħand id-Dipartiment rigward il-kuntrattur Karmig meta talab għal żieda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ċemplulu mid-Dipartiment u x'aktarx ma tistax issir li jgħolli fil-prezz la darba t-tender ingħatat bil-prezz sottomess. Dan qiegħed stipolat fl-istess tender maħruġ mil-Kunsill u ffirmat miż-żewġ partijiet.

**62.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 60.3.6 u staqsa jekk infetħux l-offerti għal bandli taz-Zonqor.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-offerti infettħu llum u kien hemm 7 offerti. Kompla jgħid illi qed jipprova jippjana li ssir il-laqgħa mal-bord tal-aġġudikazzjoni għas-6 ta' Settembru 2017 fejn dan il-board ser ikun magħmul mill-Accountant Doreen Calleja taħt l-aspett finanzjarju, is-Sur Chris Schembri amministrazzjoni, il-Perit Kylie Borġ technical. Is-Sur Joe Mercieca se jkun qed jirrappreżenta l-pubbliku.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsilliera għandu jkollhom id-dritt jaraw it-tenders qabel l-aġġudikazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jistgħu jarawhom wara li ssir l-evalwazzjoni iżda se jagħmel mezz biex jsitieden l-Kunsilliera biex ikunu preżenti waqt il-laqgħa tal-bord bħala osservaturi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu kif ukoll l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kienu parti mit-tender u daħlu f'ċertu dettal u jekk fl-offerti li ntefgħu ma jkunx hemm ċerti affarijijiet indikati huma jistgħu jirrimarkaw aħjar fuqhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huma jistgħu jkunu preżenti fil-laqgħa tal-aġġudikazzjoni bħala spettaturi u ovvjament jikkummentaw fil-każ li jkun hemm bżonn.

**62.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 60.7.2 u qal illi l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni fuq it-tindif tal-Jerma.

Is-Sindku qal illi hu tkellem mal-propjetarji u staqsihom biex jippreżentawlna l-pjanti pero s'issa għadhom ma waslux.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jrid li issir il-pressjoni biex tittnaddaf kompla jgħid illi l-Kunsill kien diġa talab lill Planning Authority sabiex titnaddaf din l-area u l-Kuntratturi appellaw, u diġa għaddiet sena u ma sar xejn. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandna nerġgħu nitkellmu mall-PA anke biex ikollna dokument uffiċjali tat-twaqqiegħ tal-binja.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi jekk l-Planning Authority jew it-Tribunal tal-Appell ma tagħtina l-ebda risposta rigward it-twaqqiegħ tal-binja li hija perikoluża immens għandna nirrikorru għal Media.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħmlu pressjoni mall-Planning Authority sabiex jitwaqqgħa l-bini tal-Jerma peress illi hu ta' periklu kbir.

**62.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 7 artiklu 60.7.1 meta ser jitwaħħlu l-cameras tal-Green MT.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna stima mingħand l-istrand eletronics għal dawn il-cameras u mhumiex għoljin bħala prezz.

Is-Sindku staqsa min ser ikun qed jimonitorjhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dik hija problema u ma jafx min ser ikun qed jieħu ħsieb dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Bring in sites ta Triq Għaxqet il-Għajn jistgħu jitneħħew għaliex mhumiex ta' użu, kompla jgħid illi għandna niffukaw fuq żona waħda li vera għandha bżonn tiġi monitored u nwaħħlu l-cameras hemm.

Is-Sindku qal fi Triq il-Blajjiet hemm xi ħadd qed jarmi il-ġlud tal-fniek fil-bring in sites.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-laqgħa li jmiss hemm bżonn niddiskutu xser nagħmlu bid-domes li għandna fil-lokal.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jidentifika fejn hemm bżonn l-aktar jitwaħħlu l-cameras u ninfurmaw lill Green MT.

**62.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kemm ser jitħallsu l-banda għal attivita tal-Karnival għaliex bandisti kien hemm 35 din is-sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm aktar mis-sena l-oħra u ser jitħallsu €1100.00.

Is-Sindku qal illi li ma għoġbux kien illi l-bandisti ma libsux ilbies addattat għal attivita u bdew idoqqu il-marċi tal-banda Sant Anna minflok xi ħaġa aktar alleggruza li tmur mal-attivita tal-Karnival, kompla jgħid illi dawn il-punti ser ikun qed jinforma lill-Għaqda bihom.

**62.2.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 61 tal- 27 ta' Lulju 2017:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrenc Ciantar qal illi hu jixtieq iżid xi ħaġa li qal f'din il-laqgħa li ġietx imniżżla :

"*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni li l-media ħabbret li kienu applikaw għal permess tal-Universita' u bħala Kunsill għandna niltaqgħu magħhom*."

**62.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq paġna 3 artiklu 61.8 fejn għandh tinbidel u tinqara kif ġej:

"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fuq appell għandu esperjenza."

**62.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 2 artiklu 61.3 u qal illi irridu nieħdu ħsieb il-proposti li bgħatna l-bord rigward id-dominju pubbliku għaliex jekk dawn ma jgħaddux quddiem il-bord l-alternattiva hi li nqabddu deputat parlamentari jew nkella NGO u jdaħħlu l-proposti tagħna huma.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jiċċekja jekk il-proposti tagħna ġewx aċċetttati u jekk tressqux għal attenzjonital-Parlament u jikkopja lic-Chairman tal-Planning Authority.

*Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**62.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**62.3.1** ***<u>Xogħol fil-Magħluq:</u>***

Is-Sindku qal illi kellna aħbarijiet tajbin fuq il-Magħluq għaliex ġejna infurmati mil-media illi wara is-sajf ser jibdew ix-xogħolijiet ta' tindif fuq il-Magħluq.

**62.3.2** ***<u>Karnival f'Marsaskala:</u>***

Is-Sindku tkellem fuq l-attivita' tal-Karnival f'Marsaskala u qal illi kuntent ħafna b'kif marru l-affarijiet u din l-attivita għal sena oħra kienet ta' suċċess.

62.3.3 ***Bini tal-iskola:***

Is-Sindku qal illi beda l-iskavar għal bini tal-iskola u hu tkellem mal-Perit rigward il-parkeġġi li ser ikun hemm taħt l-iskola peress illi konna diġa tkellimna mall-FTS fejn għednilhom illi l-Kunsill jixtieq illi l-parkeġġ ta' taħt l-iskola l-ġdida ikun jistgħa jiġi użat mir-residenti. Is-Sindku qal illi jekk ma jaċċettawx għandna nkomplu ninsistu għaliex dan il-parkeġġ ikun ta' għajnuna kbira għal lokal. Is-Sindku qal illi l-entratura tal-iskola mhux ser issir fi Triq Patri Wistin Born iżda fi Triq il-Lampuka.

62.3.4 ***Bus Terminus:***

Is-Sindku qal illi bdiet titranġa il-bus terminus ta' Pjazza Mifsud Bonniċi. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi rridu niġbdulhom l-attenzjoni għal-ħġieġ mkisser li hemm li huwa ta' periklu.

62.3.5 ***Maxtura għal żmien il-Milied:***

Is-Sindku qal illi ġiet l-ideja illi fiż-żona ta' bejn it-Tifannys u l-banka tal-Lottu issir maxtura għaż-żmien tal-Milied.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb nkellmu lill Wasteserv rigward id-dwal tal-Milied għal din is-sena.

62.3.6 ***Attivitajiet Jum Marsaskala:***

Is-Sindku qal illi Nhar il-Ħadd ser issir quddiesa bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Marsaskala kif ukoll it-tberik tal-annimali ser ikun hemm anke żewġ għaqdiet tal-karozzi u band fejn ser ikunu qed idoqqu diski maltin li din ser tiswa €350.

62.3.7 ***Stedina għal Parteċipazzjoni (35/2747/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi korrispondenza fejn l-għaqda Marigold foundation flimkien mal-Gvern Lokali ser jingħaqdu sabiex għax-xahar ta' Ottubru fejn ta' kull sena issir l-October Pink campaign b'risk il breast cancer awarness fejn għal din is-sena qed jitolbu sabiex kull lokalita' tixgħel x'imkien għal xahar sħiħ b'kulur roża.

Il-Kunsill qabel unanimament li nagħmlu parti min din l-inizjattiva.

62.3.8 **Monument:**

Is-Sindku qal illi wara li l-mementoes li saru għal attivita tal-Karnival ntlaqgħu tajjeb ħafna u kienu sbieħ immens ġiet l-ideja illi permess ta' ħadid riċiklatt isir monument bl-istess disinn tal-memento fejn hu disin ta' dgħajsa u jitpoġġa fuq il-blata.

62.3.9 **Programm XIFT fuq TVM (35/2765/17/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif kull lokalita` qed tiġi mistiedna sabiex ikollha slot f'dan il-programm ġdid fuq TVM. Kompla jgħid illi hemm bżonn ta informazzjoni fuq postijiet ta nteress, postijiet li mhux kulħadd jaf bihom, persuni ta interess eċċ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu lest li joffri l-għajnuna tiegħu rigward informazzjoni fuq siti storiċi.

Kien hemm diskussjoni l'min nistgħu nagħżlu bħala persuna interessanti mil-Lokal u l-persuna magħżula kienet is-Sur Steve Borġ.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**62.3.10** **Proġett ' EU Locals Even us little ones count':**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Kunsill diġa rċieva l-ammont ta €6000 għal dan il-programm u l-bqija tal-flus iġifieri €9000 ser nirċievuhom wara li jitlesta l-programm. Dawn l-istudenti irridu nipprovdulhom l-akkomodazzjoni l-ikel kif ukoll l-eskursjonijiet, u se jiġu mil-Ġermanja, Polonja, Ungerija u Italja. L-akkomodazzjoni ser tkun fil-Lukanda Ċervjola.

**62.3.11** **Possibilita' ta' fondi mill-EU:**

Is-Sindku semma l-possibilita` li niksbu fondi tal-Unjoni Ewropeja sabiex ninvesthuom fi proġett f'San Tumas ħdejn il-Fisherman's Restaurant.

Issemma l-fatt li dan il-post x'aktarx huwa privat.

Kien hemm qbil unanimu illi nipprovaw napplikaw għal triq il-Mozz iżda qabel nitolbu stima lil Perit biex naraw kemm tiġi tiswa u jekk ikun jibqa parti mil-Bajja ta' San Tumas.

- Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ġie skużat fit-20:00.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandna noħorġu expression of interest għal ideat biex nagħmlu ornamental design għad-dawl fi Triq is-Salini.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-proċedura biex issir expression of interest hija ikkumplikata ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi aħjar naħdmu fuq il-bini tal-Kunsill għaliex ser nispiċċaw nitilfu il-flus li ingħatajna mill-Gvern għaliex għadna ma għamilna xejn, kompla jgħid illi l-bord għadu lanqas iltaqa darba.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk saritx ic change of architect.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadha ma saritx u li ser ikellem il-Perit biex jibda l-proċess.

62.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**62.5** **Rapporti:**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

62.6 **Approvazzjoni tal-kwotazzjoni MLC 02/2017 Quotation for the Service of a Blacksmith to provide various works to Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-uniku offerent kien is-Sur John Camilleri, l-istess kuntrattur li għandna fil-preżent.

Il-Kunsill qabel unanimanet illi l-offerta tingħata lis-Sur John Camilleri.

62.7 **<u>Korrispondenza mid-DLG dwar diffikultajiet finanzjarji li qed ixekklu l-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna korrispondenza mid-Dipartiment fejn qed jistaqsi jekk il-Kunsill għandux diffikultajiet finanzjarji u jekk hu l-każ dan irid jidher fil-financial statements li irridu nippreżentawlhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill m'għandux diffikultajiet finanzjarji u l-financial statmements juru dan.

62.7.1 **<u>It-tieni oġġezzjoni għal-applikazzjoni PA04768/17:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Nina's candy cafe li huwa stabbiliment fi Triq is-Salini applika għal platform fit-triq sabiex jitpoġġew aktar mwejjed u siġġijiet , l-Kunsill bgħat l-oġezzjoni tiegħu minħabba l-fatt illi ser ikun qed jieħu parkeġġi fi triq kif ukoll għal fatt illi din il-platform fit-triq hija ta periklu għal min ikun qiegħed jagħmel użu minnha, kompla jgħid illi l-Perit tal-applikant reġgħa applika u d-ditrettorat tas-saħħa ambjentali ma sabux oġezzjoni u l-MTA qalu li din għandha tkun assessjata qabel ma tittieħed deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-bankina hija wiesgħa biżżejjed biex jgħamel mwejjed u siġġijiet fuqha u għandna nagħmlu pressjoni għal fatt li din il-platform hija ta periklu.

**62.7.2** **<u>PA 6181/17 – Outline application for rehabilitation of existing discussed quarrey. Bżonn li l-Kunsill jieħu deċiżjoni u jagħti l-verżjoni tiegħu għal dan it-tieni applikazzjoni sottomessa.</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi reġgħet intefat l-applikazzjoni għal kumpless fil-barriera faċċata tal-family park.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ERA għal darb'oħra reġgħet oġġezzjonat għal dan il-proġett għaliex tippreferi illi jitranġa u jkun għal użu agrikulturali.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill l-ewwel darba oġezzjonajna mingħajr ma rajna sew x'ser ikun jikkonsisiti dan il-proġett u fl-opinjoni tiegħu għamilna żball.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jħoss li m'għandniex noġezzjonaw pero irridu nagħmluha ċara illi l-bini fl-ebda mod ma jista jinbena għoli aktar min kif pjanat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jixtieq jistudja naqra l-pjanta u qal illi allaħares jinbnew il-barrieri kollha li ma jibqgħux ta' użu għaliex dawn huma ODZ u jkollhom kundizzjoni li jiġu reinstated u mhux mibnija bħala kumpless kummerċjali.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu jħoss li dan il-proġett ser ikun upgrade għal lokal anke meta tara li l-bini mhux ser jgħola u fuq ser ikun landscape.

Is-Sindku qal illi l-lokal għandu bżonn parkeġġ u hu dak li qed jara li ħa niggwadanjaw minnu. Huwa kopla jgħid li dam sentejn ġej u sejjer Katilja biex jinstab sit alternattiv għal carpark u ma wasalniex u dan is-sit ġie waħdu.

- **Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt reġgħa daħal għal laqgħa fit-20:20**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel li jsir parkeġġ iżda ma jaqbilx li jsir stabbiliment tal-ikel , uffiċini eċċ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ERA oġġezzjonat kif ukoll L-Malta Development Association u dan sabiex ma jinħoloqx preċedent u kull barriera tkun tista tinbena u nispiċċaw b'kullimkien mibni għalhekk hu ma jaqbilx li jsir dan l-iżvilupp.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hu jaqbel ma dak li qal il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri li jaqbel mall-parkeġġ iżda mhux mall-proġett kif propost.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn niktbu l-ERA rigward il-ħmieġ tal-baħar u dak li fadal wara l-ħruq tal-Wasteserv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab laqgħa mall-Wasteserv pero` għadu ma rċieva l-ebda risposta.

Sar qbil li l-Kunsill ma joġezzjonax u lanqas jaqbel ma dan il-proġett.

- **Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mil-laqgħa fit-20:30**

**62.7.3** __Preparamenti ghal Jum Marsaskala:__

Dan is-suġett ġie diskuss aktar kmieni fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

**62.7.4** **__Deċiżjoni mit-tribunal ta' reviżjoni tal-ambjent u l-ippjanar rigward PA3310/416 rigward mwjjed u siġġijiet taħt il-bankina ta' l-istabiliment Corner View. Il-bord laqa` l-appell tal-Kunsill u ħassar il-permess tal-iżvilupp PA3310/16:__**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Planning Authority qablet magħna u waqqgħet l-applikazzjoni għal imwejjed u siġġijiet taħt il-bankina tal-Corner view.

**62.7.5** **__Cirkulari AKL 46/2017 – Inizjattiva MCCF:__**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna korrispondenza mill-Assoċjazzjoni fejn tgħid illi wara li tkellmu mal-president Marie Louise Coleiro ħarġu bl-idea illi b'mod volontarjat kull Kunsillier jgħati €2.33 min kull allowance sabiex fl-aħħar tas-sena tinġabar somma sostanzjali u jkunu jistgħu jippreżentawa waqt l-istrina.

**62.7.6** **__Cir Akl 47/2017 – Ġbir u mmaniġġjar ta' l-iskart u r-risposta tal-Kunsill:__**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu diġa bagħat risposta għal din il-korrispondenza pero hemm l-indikazzjoni li l-ġbir ta' skart ser ikun kollha l-istess għal kull Lokalita' u allura qed jara li fil-futur ma jkunx jista jinġabar skart Nhar ta' Ħadd u ċertu ġranet matul il-Ġimgħa.

**62.7.7** **__AKL Dokument Proposti Swieq fil-beraħ u proposti tables and chairs:__**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn semmew diversi punti rigward il-periklu li qed iġibu magħhom fosthom r-riskju li qed jieħdu in-nies li jkunu qed jogħodu bilqiegħda fuq dawn l-imwejjed u siġġijiet.

**62.7.8** **__Stima mingħand Nexos għal-fustun ġdid fi Triq ix-Xatt:__**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna stima għal fustun mingħand in-Nexos li tammonta għal €3124.50.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-fustun mis-summer nights sa ħdejn il-latrini hemm bżonn li jinbidel kollu u jsir wieħed.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu tkellem mall-MTA biex jara jekk jistgħux jiffinanzjawh min naħa tagħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinbidel il-fustun.

**62.7.9** **<u>Ittra ta' ringrazzjament minghand Grupp Armar:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi rċivejna ittra ta' ringrazzjament mingħand is-Sur Matthew Mallia għan-nom tal-Grupp Armar.

**62.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**62.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-invoices li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgha:

| ***<u>Supplier</u>*** | ***<u>Description</u>*** | ***<u>Invoice No</u>*** | ***<u>Amount</u>*** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Fix It | Consumables | 27049 | €167.33 |
| Mr Jason Gatt | Cherry picker service repairing flag pole | | €60 |
| Eco Pure | Water | 698581 | €8.60 |
| Goldengate | Stationery | 505449 | €27.88 |
| Malta flags | Flags | 0001916 | €208.27 |
| Wasteserv | MSW waste July 2017 | 075157/075203/ 07597/075466 | €5916.13 |
| Ronald Bezzina | Bowsers and skips | | €1475.00 |

**62.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri irrimarka illi qed nixtru spiss mingħand l-istess ironmongery u tajjeb li nbidlu u naqsmu ma Ironmongeries oħra.

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**62.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

**62.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B. Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja(156-10/5/17):</u>**

*"Jipproponi li l-Kunsill lokali jaħtar Perit, persuna jew persuni kompitenti sabiex iħejju rapport dettaljat dwar siti u binjiet storiċi bil-għan li issir talba formali lil-awtoritajiet konċernati kollha sabiex dawn is-siti jiġu skedati u jkunu protetti minn kull twaqqiħ. Siti ta' dan it-tip iridu jiġu ċċarati aħjar sabiex ma jsirux żviluppi u twaqqieħ ta' bini li fih valur storiku jew simboliku. Dan għandu jiġbed l-attenzjoni lil ERA sabiex ċerti binjiet ma jintilfux kif ġara diga fuq binjiet u siti storiċi fil-lokal tagħna."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk il-perit tal-Kunsill jaċċetta li jsir dan ir-rapport min naħa tiegħu hu lest li jagħmel rapport dettaljat ta siti sabiex jiġu skedati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irridu noqgħodu attenti li ma nniżlux propjetajiet li jkunu privati għaliex il-propjetarju jistgħa jfittex lill Kunsill bil-qorti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi wara li ġralna bid-dar ta' Triq ix-Xatt ma jridx li jerġa jiġri l-istess u ma tkunx skedata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dik id-dar għalkemm ma kinitx skedata kienet xorta mniżżla taħt Urban conservation area.

Kien hemm qbil unanimu li jsir dan ir-rapport.

**62.9.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud(157-10/8/17):**

"*Jipproponi illi peress illi r-residenti ta` Marsaskala dan l-aħħar qed jiġu ibbumbardjati b`taħrikiet tat-traffiku peress li mhux qed isibu fejn jipparkjaw u dan minħabba l-ammont kbir ta` nies li ta` kuljum qed iżuru dan ir-raħal, qiegħed jinħass il-bżonn li nissalvagwardjawhom mill-multi. Dan l-aħħar apparti il-gwardjani u l-Pulizja inħolqu wkoll l-uffiċjali tat- Transport Malta. Dawn ġew saħansitra fil-festa tar-raħal ġew ħarku xi vetturi fit-toroq sekondarji meta triq prinċipali kienet magħluqa. Aħna għandna bżonn l-infurzar fil-pjazez, ix-xatt u għal min iħammeġ u mhux taħrikiet f`toroq sekondarji. Għaldaqstant jiena qed nipproponi illi għandhom jintagħżlu xi toroq fuq qbil ma sħabi biex jiġu kkunsidrati bħala żoni residenzjali u jkunu jistgħu jipparkjaw biss residenti skalin. Apparti hekk tinħoloq park and ride fejn l-impjant ta` Sant Antnin b`żewġ mini buses iwasslu n-nies lejn iċ-ċentru u lura."*

Is-Sindku qal illi r-residenti jinsabu mdejjqin bis-sitwazzjni li ninsabu fiha fejn qed jingħataw ċitazzjonijiet bl-addoċċ, kompla jgħid illi fil-festa ġew anke xi nies mit-TM fejn taw ħafna ċitazzjonijiet, hu kompla jgħid illi jekk nagħmlu sistema fejn nagħzlu triqat minn Marsaskala u nagħmluhom riservati biss għar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi din l-inizjattiva mhux ċert jekk taħdimx tajjeb.

Is-Sindku qal illi provajna anke il-park and ride fil-Karnival u ħadmet tajjeb ħafna u jħoss illi għandna nzommuha fil-lokal.

Sar qbil biex nibgħatu lit-TM u nidentifikaw għaxar toroq biex isir parkeġġ tar-residenti.

Sar qbil unanimu li issir park and ride fi Triq iz-Ziju bejn is-6:00pm u l-11:00pm.

**62.9.4** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar (158-17/8/17):**

"Jipproponi li wara li issa tlesta it-tarmak u il-bankina ġdida fi Triq Frans Grech min TM, baqa ftit metri bankina antika u bla kurduna fi Triq il-Bużbies titranġa sabiex titkompla mall-kumplament ta' bankina fl-istess triq."

Kien hemm qbil unanimu biex tittranġa il-bankina fi Triq Frans Grech.

**62.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 28 ta' Awwissu 2017.

_______________ _______________

**Josef Grech** — Segretarju Ezekuttiv

**Mario Calleja** — Sindku